Qorti tal-Appell
(Sede Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell: 9/2016AE

**Dennis Cutajar [ID 473764M]**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

Seduta tat-28 ta' Marzu 2017

Permezz ta' rikors prezentat fis-16 ta' Marzu 2016, l-appellant appella mid-decizjoni li nghatat mill-Arbitru mahtur taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali tal-11 Frar, 2016 li fiha nghad:

*"L-Arbitru*

*Ra l-appell.*

*Ra l-provi tad-Dipartiment senjatament dawk ta' M Zerafa li xehedet illi mill-investigazzjoni li ghamlet kien irrizultalha li l-appellant u huh kienu jghixu regolarment flimkien.*
*Sema' l-provi tal-appellant li qal li huh Roderick solitament ighix ma' ommu.*
*Sema' lix-xhud Roderick Cutajar li llum xehed li ilu ghall-ahhar sena jghix fil-fond 298, Hampton Crt, Flat 15, Naxxar Road, B'Kara.*

*L-Arbitru*

*Ikkunsidra*

*Illi din il-verzjoni tvarja minn dak li xehed l-appellant meta fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 2015 qal li hu u huh ma kinux ighixu flimkien.*

*Illi skont Roderick Cutajar jirrizulta zgur li dakinhar tal-15 ta' Settembru 2015 (id-data tas-seduta ta' qabel l-ahhar) huwa gia kien ighix fl-imsemmi appartament u ghalhekk dan jikkontrasta ma' dak li xehed l-appellant.*

*Minhabba illi l-verzjoni moghtija mill-appellant mhix wahda kredibbli, l-appell qed jigi michud".*

L-appellant appella mid-decizjoni. L-aggravji huma:

1. In-nullita' tad-decizjoni ghaliex m'hijiex motivata.
2. L-Arbitru naqas milli jikkunsidra l-provi kollha li tressqu.

L-appellat wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn fil-fehma tieghu l-appell ghandu jigi michud.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

L-appellat baghat lill-appellant avviz datat 22 ta' Mejju, 2014 fejn infurmah li kellu jhallas lura s-somma ta' €6,081.83 li rcieva bhala ghajnuna ta' dizimpieg matul il-perjodu 14 ta' Marzu, 2009 sat-28 ta' Frar, 2014.

Quddiem l-Arbitru, l-appellat argumenta li:

*"Illi fuq rapport li d-Dipartiment kien ircieva minghand id-Direttur tal-Frodi u Investigazzjonijiet, kien irrizulta li l-appellant kien qed ighix flimkien ma' huh (jirrizulta li l-appellant qatt ma nforma lid-Dipartiment b'din is-sitwazzjoni kif kien obbligat li jaghmel) u ghalhekk kien mehtieg li ssir revizjoni tal-kaz tieghu bir-rizultat li nholoq hlas zejjed dovut lid-Dipartiment"*.

Jirrizulta li mal-appellat, l-appellant kien registrat li jghix fil-fond 298, Hampton Court, Flat 15, Triq in-Naxxar, B'Kara. Fond proprjeta ta' huh Roderick Cutajar.

Ghal dak li jikkoncerna l-ewwel aggravju, id-decizjoni tal-Arbitru hi motivata in kwantu cahad l-appell ghaliex m'emminx lill-appellant li kien hemm biss perjodu ta' tlett gimghat li matulhom ghex ma' huh. Fil-fatt jirrizulta li fil-15 ta' Settembru, 2015 l-appellant kien xehed:

*"Nispjega illi fil-fond 298 Hampton Court, Flat 15, Naxxar Road, Birkirkara jiena mort nabita wahdi wara problema matrimonjali. Il-post hu proprjeta ta' hija Roderick li kumbinazzjoni li dak iz-zmien li gie l-Ispettur kien ghamel tlett gimghat ighix mieghi. Hija Roderick ighix solitament ma' ommi"*.

Hu veru li l-motivazzjoni hi fil-qasir, pero' tinftiehem.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, wara li l-qorti regghet qrat l-atti, tosserva:

i. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ilmenta li *"(…..) l-avukat sottofirmat ma nghata l-ebda access ghall-file relattiv u ma kienx prezenti fl-ewwel procedura. Ghalhekk l-appellant sejjer jitlob ukoll li jergghu jixhdu anke f'dan l-istadju x-xhieda kollha li gew prodotti u dan sabiex din il-Qorti tkun tista' tivverifika s-sekwenza ta' fatti kif riportati fid-decizjoni"*. Fil-file tal-arbitru hemm registrat x'qal l-appellant u xhieda l-ohra. Ma rrizultax li kien hemm xi ostakolu sabiex l-appellant jinkariga avukat fil-proceduri quddiem l-arbitru. Ma jistax issa jippretendi li jergghu jinstemghu x-xhieda. Inoltre, d-difensur tieghu kellu kull opportunita' li jara l-atti.

ii. Dan il-kaz beda wara rapport li kien sar li ghalkemm l-appellant kien jircievi l-ghajnuna tal-qghad, kien qieghed isuq BMW. Jirrizulta li zewg spetturi mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, marru fil-fond fit-8 ta' Ottubru, 2013 u fl-10 ta' Ottubru, 2013.

iii. Kien waqt iz-zjara tal-10 ta' Ottubru, 2013 li l-appellant qal lill-ispetturi li f'dak il-fond kien ighix ma' huh Roderick; *"**Huwa zid ighidilna li dak l-appartament huwa ta' huh u hu mar ighix mieghu erba' snin ilu. Mistoqsi jekk meta applika ghall-Ghajnuna tal-Qghad (UA) kienx avza li qieghed ighix ma' huh, il-beneficjarju wiegeb li ma kienx jiftakar**"*. Quddiem l-Arbitru, wahda mill-ispetturi (Maronia Zerafa) ikkonfermat li kien l-appellant li tahom dak it-taghrif waqt iz-zjara.

iv. Kien biss quddiem l-Arbitru li l-appellant ta l-verzjoni li hu u Roderick kienu ghamlu tlett gimghat ighixu flimkien. Pero' Roderick Cutajar ta verzjoni differenti, ghaliex qal li kien ilu sena jghix fl-istess fond mal-appellant. Hu evidenti li l-Arbitru ghamel riferenza ghad-data tal-15 ta' Settembru, 2015 ghaliex dakinhar kien xehed l-appellant u qal li huh *"ighix solitament ma' ommi"*. Meqjus li d-deposizzjoni ta' Roderick Cutajar kienet tikkontradici dak li xehed l-appellant u li minnha kien irrizulta li fil-15 ta' Settembru, 2015 l-ahwa kienu qeghdin ighixu flimkien, l-Arbitru kkonkluda li l-appellant ma qalx il-verita meta xehed fil-15 ta' Settembru, 2015. M'huwiex korrett l-appellant meta fir-rikors tal-appell qal li l-arbitru ddecieda *ultra petita*. Hu evidenti li l-arbitru ma tax kredibilta lill-verzjoni tal-appellant, u ghalhekk ma setax jaghmel iehor ghajr li jichad l-appell. Fil-fatt hekk ghamel.

v. L-appellant hu wkoll ghal kollox zbaljat meta jghid li, *"l-arbitru naqas milli almenu jsemmi xhieda li kien ta inizjalment l-appellant fid-decizjoni tieghu, fattur dan li wassal ghal konfuzjoni fid-decizjoni. Fil-fatt l-appellant kien car li huwa kien ighix wahdu u li huh kien semplicement mar ghal ftit zmien qasir ta' circa tlett gimghat ighix mieghu minhabba dizgwid ma' ommhom"*. Fid-decizjoni, l-arbitru qal x'kienet il-verzjoni li ta l-appellant u kkunsidra u ddecieda dwar jekk dik il-verzjoni kinitx kredibbli.

vi. Mill-istess rapport jirrizulta li l-appellant kien inghata l-ghajnuna tal-qghad bazat fuq it-taghrif li kien ta lid-Dipartiment fid-9 ta' Marzu, 2009, u cjoe' li kien mar ighix wahdu fl-imsemmi fond. Gialadarba kien l-appellant stess li qal lill-ispetturi li kien ilu erba' snin ighix ma' huh, dan ifisser li hu nghata ghajnuna ta' qghad ghall-persuna li tghix wahedha bazat fuq taghrif skorrett li ta lid-Dipartiment. Ghaldaqstant, id-Dipartiment ghandu jedd li jirkupra l-hlas zejjed li nghata lill-appellant.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.